MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Avviz Numru. 73/2005

**Cranes and Commercial Sales Limited**

**vs**

**Victor Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn disa' mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tletin centezmu (LM2,962.30,0), ammont rapprezentanti prezz ta' 'truck tat-tip Bedford' bin-numru ta' registrazzjoni ABT – 176, 'shaft', u batterija lilu mibjugha w ikkunsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu , skond invoices datati sebgha (7) ta' Novembru tas-sena**

**2003, tenjn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena 2003 u hamsa (5) ta' Marzu tas-sena 2004, li kopji taghhom qieghdin jigu hawn hekk annessi u mmarkati bhala Dokument 'A', 'B', u 'C' rispettivament kif ukoll skond 'statements of account' hawn annessi u mmarkati Dokument 'D' u 'E';**

**Huwa minn issa msejjah in subizzjoni;**

**Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' qbid bin-numru 141/2005 u bl-imghax legali kontra tieghu;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' April tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------